MCCAA

Mizzi House, National Road, Blata l-Bajda ĦMR9010, Malta
www.mccaa.org.mt
+356 2395 2000

# LINJI TA' GWIDA GĦALL-UTENT

**Abbozz intitolat l-Att sabiex jemenda l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378 u liġijiet varji dwar il-protezzjoni tal-konsumatur li jittrasponi d-Direttiva (UE) 2019/2161 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttivi 98/6/KE, 2005/29/KE u 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-infurzar aħjar u mmodernizzar tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur**

---

## Introduzzjoni

It-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/2161 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttivi 98/6/KE, 2005/29/KE u 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-infurzar aħjar u mmodernizzar tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur (id-Direttiva) hija obbligu li jirriżulta taħt il-Liġi tal-UE.

## Sfond

L-għan ta' dan l-Abbozz intitolat "l-Att sabiex jemenda l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378 u liġijiet varji dwar il-protezzjoni tal-konsumatur" huwa li jittrasponi d-Direttiva li temenda id-Direttiva dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (93/13/KEE); id-Direttiva dwar l-indikazzjoni tal-prezzijiet (98/6/KE); id-Direttiva dwar prattiċi kummerċjali żleali (2005/29/KE); u d-Direttiva dwar drittijiet tal-konsumatur (2011/83/UE). Id-Direttiva temenda l-istrumenti eżistenti tal-UE msemmija u hija waħda mill-elementi fundamentali tal-"Aġenda tal-Konsumatur Ġdida[1]", bil-għan li ssaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumatur.

It-traspożizzjoni tad-Direttiva teħtieġ emendi fl-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (AAK); u r-Regolamenti dwar Prezzijiet Indikati kif ukoll fir-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur, rispettivament il-Leġislazzjoni Sussidjarja (L.S.) 378.09 u L.S. 378.17.

---

[1] Aġenda tal-Konsumatur Ġdida
https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52020DC0696&from=EN

**Regoli modernizzati skont l-iżviluppi diġitali[2]**

## 1. *Trasparenza fis-swieq online*

*Illum meta l-konsumaturi jixtru minn swieq online, mhux dejjem ikunu jafu mingħand min qed jixtru l-oġġett jew is-servizz. Jista' jkun negozjant professjonali jew konsumatur ieħor.*

*Li ma tkunx taf l-identità tal-fornitur hija problema għaliex jekk xi ħaġa tmur ħażin, ir-regoli tal-protezzjoni tal-konsumatur ma japplikawx għal meta nixtru mingħand individwu privat ieħor. Ir-regoli l-ġodda kif trasposti permezz tal-Abbozz jagħmluha aktar faċli għall-konsumaturi biex jaraw x'riskji hemm meta jixtru minn swieq online.*

*Minn issa 'l quddiem il-konsumaturi se jkunu infurmati jekk il-persuna li qed tbigħ l-oġġetti jew is-servizzi online hijiex kummerċjant jew individwu privat ieħor, u ser ikunu wkoll imwissija li r-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tal-konsumatur ma japplikawx meta l-fornitur ma jkunx kummerċjant. Is-suq onlajn se jindika wkoll jekk il-fornitur jew is-suq innifsu huwiex responsabbli eż. għall-kunsinna jew għall-immaniġġjar tar-ritorni taħt id-dritt tal-irtirar. Il-konsumaturi jkunu jafu wkoll fejn għandhom jirrikorru f'każ ta' problemi.*

L-Abbozz qed jiżgura t-traspożizzjoni ta' li hu imsemmi hawn fuq:

- bl-inklużjoni tad-definizzjoni l-ġdida "suq online" fl-AAK u fil-L.S. 378.17, rispettivament permezz tal-artikoli 5 u 16(g) ta' l-Abbozz, (li rispettivament jemendaw l-artikolu 51A tal-AAK u r-regolament 2 (2) l-L.S. 378.17);

- permezz tal-introduzzjoni tal-paragrafu ġdid (f) fl-artikolu 51D (3) tal-AAK permezz tal-artikolu 7 tal-Abbozz, (l-artikolu 51D tal-AAK jirreferi għal ommissjonijiet qarrieqa), biex jipprovdi li fil-każ ta' stedina għax-xiri, l-informazzjoni li ġejja għandha titqies bħala importanti, jekk ma tkunx diġa apparenti mill-kuntest: "għal prodotti offruti fi swieq onlajn, jekk il-parti terza li toffri l-prodotti hijiex kummerċjant jew le, abbażi tad-dikjarazzjoni ta' dik il-parti terza lill-fornitur tas-suq online.";

- permezz tar-regolament il-ġdid 5A tal-L.S 378.17 (dan ir-regolament il-ġdid jistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi ta' informazzjoni addizzjonali għal kuntratti konklużi fuq swieq online) introdotti permezz tal-artikolu 20 tal-Abbozz, sabiex qabel ma konsumatur ikun marbut b'kuntratt mill-bogħod, jew kwalunkwe offerta korrispondenti fuq suq online, il-fornitur tas- suq online, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar prattiċi kummerċjali mhux ġusti fl-AAK, għandu jipprovdi lill-konsumatur, b'mod ċar u li jinftiehem u b'mod adegwat għall-mezzi ta' komunikazzjoni mill-bogħod użati, informazzjoni "jekk il-parti terza li toffri l-oġġetti, servizzi jew kontenut diġitali hijiex kummerċjant jew le, fuq il-bażi tad-dikjarazzjoni ta' dik il-parti terza lill-fornitur tas-suq online;" (regolament 5A(1)(b) tal-L.S. 378.17).

---

[2] EU Commission Fact Sheet (November 2019): "The New Deal for Consumers - What benefits will I get as a consumer?" https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/factsheet_new_deal_consumer_benefits_2019.pdf - The sub-titles and contents in italics thereof are taken from the said EU Commission document

## 2. ***Drittijiet tal-konsumatur l-istess għal servizzi diġitali "b'xejn"***

*Ħafna konsumaturi jużaw servizzi diġitali "b'xejn", bħal 'cloud services' jew midja soċjali, li ma jħallsux għalihom. Minflok jipprovdu d-data personali tagħhom li l-fornituri tas-servizzi jużaw ukoll biex jagħmlu l-flus.*

*Illum, xi drittijiet importanti tal-konsumatur fl-UE japplikaw biss għal servizzi li jitħallsu bil-flus.*

*Skont id-Direttiva,* kif trasposta permezz tal-Abbozz, *il-fornitur ta' tali servizzi "b'xejn" għandu jagħtik informazzjoni ċara dwar, pereżempju, il-karatteristiċi ewlenin tas-servizz, it-tul tal-kuntratt u l-kundizzjonijiet tat-terminazzjoni. Int tkun tista' wkoll tikkanċella l-kuntratt online fi żmien 14-il jum mingħajr ma tipprovdi raġuni.*

L-Abbozz għalhekk qed jipprovdi għall-introduzzjoni tad-definizzjoni "data personali" fir-regolament 2 (2) tal-L.S. 378.17, permezz tal-artikolu 16(a) tal-Abbozz, kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/679 jiġifieri r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (RĠPD).

Barra minn hekk, l-Abbozz qed jiżgura li permezz tal-emenda tar-regolament 3 tal-L.S. 378.17, fejn is-subregolament (1a) ġie miżjud (permezz tal-artikolu 17(b) tal-Abbozz), biex jiġi stabbilit li dawn ir-Regolamenti (L.S. 378.17) "għandhom japplikaw ukoll f'każ fejn il-kummerċjant jipprovdi jew jimpenja ruħu li jipprovdi kontenut diġitali li mhuwiex provdut fuq mezz tanġibbli jew servizz diġitali lill-konsumatur u l-konsumatur jipprovdi jew jimpenja ruħu li jipprovdi data personali lill-kummerċjant, ħlief fejn id-data personali pprovduta mill-konsumatur tkun ipproċessata esklussivament mill-kummerċjant għall-finijiet tal-provvista tal-kontenut diġitali li mhuwiex provdut fuq mezz tanġibbli jew servizz diġitali skont dawn ir-regolamenti jew għall-kummerċjant biex jikkonforma mar-rekwiżiti legali li għalihom ikun soġġett, u l-kummerċjant ma jipproċessax dik id-data għall-ebda fini oħra.".

L-Abbozz jipprovdi għaż-żieda tas-subregolamenti (4) sa (8) fir-regolament 15 tal-L.S. 378.17, permezz tal-artikolu 25 tal-Abbozz, li jistabbilixxu:

- fir-rigward tad-data personali tal-konsumatur, il-kummerċjant għandu jikkonforma mal-obbligi applikabbli taħt il-RĠPD u l-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data;

- il-kummerċjant għandu jżomm lura milli juża kwalunkwe kontenut għajr data personali, li ġiet ipprovduta jew maħluqa mill-konsumatur meta juża l-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali pprovdut mill-kummerċjant, minbarra meta tali kontenut:

    - ma jkollu l-ebda utilità barra l-kuntest tal-kontenut diġitali jew tas-servizz diġitali pprovdut mill-kummerċjant;

- ikun relatat mal-attività tal-konsumatur meta juża l-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali pprovdut mill-kummerċjant;

- ikun ġie aggregat ma' data oħra mill-kummerċjant u ma jkunx jista' jiġi diżaggregat jew biss bi sforzi sproporzjonati; jew

- ikun ġie ġġenerat b'mod konġunt mill-konsumatur u oħrajn, u konsumaturi oħra jkunu kapaċi jkomplu jagħmlu użu mill-kontenut;

- ħlief fis-sitwazzjonijiet imsemmija fis-subregolament 5(a), (b) jew (ċ), il-kummerċjant għandu, fuq talba tal-konsumatur, iqiegħed għad-dispożizzjoni tal-konsumatur kwalunkwe kontenut, għajr data personali, li ġie pprovdut jew maħluq mill-konsumatur meta juża l-kontenut diġitali jew servizz diġitali pprovduti mill-kummerċjant;

- il-konsumatur għandu jkun intitolat li jirkupra dak il-kontenut diġitali mingħajr ħlas, mingħajr tfixkil mill-kummerċjant, fi żmien raġonevoli u f'format ta' data li jintuża komunament u li jinqara mill-magni;

- f'każ ta' rtirar mill-kuntratt, il-kummerċjant jista' jipprevjeni kwalunkwe użu ulterjuri tal-kontenut diġitali jew tas-servizz diġitali mill-konsumatur, b'mod partikolari billi jagħmel il-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali inaċċessibbli għall-konsumatur jew jiddiżattiva l-kont tal-utent tal-konsumatur, mingħajr preġudizzju għas-subregolament (6)";

Fir-rigward tar-regolament 16 tal-L.S. 378.17, l-Abbozz, permezz tal-artikolu 26 tiegħu, qed jipprovdi għaż-żieda tas-subregolament (2a) u għas-sostituzzjoni tas-subregolament (4)(b)(i), sabiex rispettivament jiżgura li:

- f'każ li jirtira mill-kuntratt, il-konsumatur għandu jżomm lura milli juża l-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali u milli jqegħidhom għad-dispożizzjoni ta' partijiet terzi

- il-konsumatur ma jkunx ta l-kunsens espress tiegħu rigward il-bidu tal-eżekuzzjoni qabel it-tmiem tal-perjodu tal-erbatax (14)-il jum jew ta' tletin (30) jum kif imsemmi fir-regolament 10.

## 3. ***Klassifikazzjoni ta' offerti***

*Meta jfittxu offerta fuq suq onlajn jew fuq sit fejn jistgħu jqabblu l-prezzijiet, ħafna konsumaturi jħarsu biss lejn ir-riżultati li jidhru fil-bidu nett. Għalhekk huwa importanti li l-konsumaturi jkunu jafu liema kriterji jintużaw biex jikklassifikaw l-offerti, u jekk offerta li tidher fuq il-paġna tat-tiftix hijiex reklamar imħallas.*

*Taħt ir-regoli l-ġodda, il-pjattaformi jridu jinfurmaw lill-konsumaturi dwar il-kriterji ewlenin li jiddeterminaw il-klassifikazzjoni tal-offerti pprovduti meta qed ifittxu online, pereżempju,*

*jekk dawn l-offerti humiex ikklassifikati abbażi tal-prezz, id-distanza, il-klassifikazzjonijiet tal-konsumaturi jew taħlita ta' kriterji differenti. Iridu wkoll jindikaw b'mod ċar meta r-riżultati tat-tfittxija huma bbażati fuq ħlasijiet li huma rċevew mingħand il-kummerċjanti.*

L-artikolu 5(a) tal-Abbozz iżid it-tifsira ta' "klassifikazzjoni" fl-artikolu 51A tal-AAK, li tfisser "il-prominenza relattiva mogħtija lill-prodotti, kif ippreżentati, organizzati jew ikkomunikati mill-kummerċjant, irrispettivament mill-mezzi teknoloġiċi użati għal tali preżentazzjoni, organizzazzjoni jew komunikazzjoni;".

Permezz tal-artikolu 7(b) tal-Abbozz, is-sub-artikolu (3a) ġdid ġie miżjud fl-artikolu 51D tal-AAK li jistabbilixxi li meta l-konsumaturi jingħataw il-possibbiltà li jfittxu prodotti offruti minn kummerċjanti differenti jew minn konsumaturi abbażi ta' tfittxija fl-għamla ta' keyword, frażi jew input ieħor, irrispettivament minn fejn finalment jiġu konklużi t-tranżazzjonijiet, l-informazzjoni ġenerali, li tkun disponibbli fit-taqsima speċifika tal-interfaċċa online li hija aċċessibbli b'mod dirett u faċli mill-paġna fejn ir-riżultati tat-tfittxija jiġu ppreżentati, dwar il-parametri ewlenin li jiddeterminaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti ppreżentati lill-konsumatur bħala riżultat tat-tfittxija u l-importanza relattiva ta' dawk il-parametri, meta mqabbla ma' parametri oħrajn, għandha titqies bħala important.

Dan ma japplikax għall-fornituri ta' magni tat-tiftix online kif definiti fil-paragrafu (6) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2019/1150 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-promozzjoni tal-korrettezza u tat-trasparenza għall-utenti kummerċjali tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online.

L-artikolu 10 tal-Abbozz jipprovdi għaż-żieda tal-punt 11a ġdid fl-Ewwel Skeda tal-AAK li jistabbilixxi li fejn il-kummerċjant jipprovdi riżultati tat-tiftix b'rispons għal tfittxija online minn konsumatur mingħajr ma juri b'mod ċar kwalunkwe riklam imħallas jew pagament speċifiku biex prodotti jiksbu klassifikazzjoni ogħla fir-riżultati tat-tiftix, huma kkunsidrati bħala prattiċi kummerċjali mhux ġusti li għandhom f'kull ċirkostanza jitqiesu bħala mhux ġusti.

L-artikolu 20 tal-Abbozz iżid ir-regolament 5A ġdid fil-L.S. 378.17 fejn fis-subregolament (1)(a) tiegħu jistabbilixxi li qabel ma konsumatur jintrabat b'kuntratt mill-bogħod, jew kwalunkwe offerta korrispondenti f'suq online, il-fornitur tas-suq online għandu, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VIII tal-Att, jipprovdi lill-konsumatur, b'mod ċar u li jinftiehem u b'mod adegwat għall-mezzi ta' komunikazzjoni mill-bogħod użati, informazzjoni ġenerali, li tkun disponibbli f'sezzjoni speċifika tal-interfaċċa online li tkun aċċessibbli direttament u faċilment mill-paġna fejn l-offerti jiġu ppreżentati, dwar il-parametri ewlenin li jiddeterminaw il-klassifikazzjoni, kif definita fl-Artikolu 51A tal-Att, ta' offerti ppreżentati lill-konsumatur bħala riżultat ta' tfittxija u l-importanza relattiva ta' dawk il-parametri meta mqabbla ma' parametri oħra.

## 4. Transparenza tar-reviews tal-konsumatur

*Ir-reviews[3] imqiegħda fuq pjattaforma jew fuq sit elettroniku ta' kummerċjant ħafna drabi jinfluwenzaw id-deċiżjoni tax-xiri tal-konsumatur. Madankollu, dawk ir-reviews li suppost ġew miktuba minn konsumaturi oħra mhux dejjem huma ġenwini. Id-Direttiva tipprojbixxi espressament li xi ħadd jissottometti jew jikkummissjona lil xi ħadd biex jissottometti reviews jew approvazzjonijiet foloz, u li jimmanipula reviews tal-konsumaturi. Il-kummerċjanti li jagħtu aċċess għar-reviews tal-konsumaturi iridu jispjegaw jekk u kif jiżguraw li r-reviews ġejjin minn konsumaturi reali. Il-kummerċjanti ser jitħallew biss isostnu li r-reviews ġew sottomessi mill-konsumaturi jekk dawn jieħdu passi raġonevoli u proporzjonati biex jiċċekkjaw dan, bħal li jippermettu biss lill-konsumaturi li xtraw jew użaw l-oġġett jew is-servizz li jissottomettu reviews dwarhom.*

Fir-rigward tar-*reviews* l-Abbozz:

- jintroduċi, permezz tal-artikolu 7 tiegħu, is-sub-artikolu (5) ġdid fl-artikolu 51D tal-AAK (ommissjonijiet qarrieqa) li jistabbilixxi li fejn kummerċjant jipprovdi aċċess għal reċensjonijiet tal-konsumatur dwar prodotti, l-informazzjoni dwar jekk u kif il-kummerċjant jiżgura li r-reċensjonijiet ippubblikati joriġinaw minn konsumaturi li fil-fatt użaw jew xtraw il-prodott, għandha titqies bħala importanti; u

- permezz tal-artikolu 10, iżid il-punti 23b u 23ċ ġodda fl-Ewwel Skeda tal-AAK, li telenka dawk il-prattiċi kummerċjali li huma f'kull ċirkostanza meqjusa bħala mhux ġusti, u huma klassifikati taħt prattiċi kummerċjali qarrieqa:

  "23B. Fejn il-kummerċjant/a jindika/tindika li reċensjonijiet ta' prodotti jkunu saru minn konsumaturi li fil-fatt użaw jew xtraw il-prodott mingħajr ma jieħu passi raġonevoli u proporzjonati biex jivverifika/tivverifika li dawn joriġinaw minn tali konsumaturi.

  23Ċ. Fejn il-kummerċjant/a jissottometti/tissottometti jew jikkummissjona/tikkummissjona persuna ġuridika jew fiżika oħra biex tissottometti reċensjonijiet jew approvazzjonijiet foloz, jew jirrappreżenta/tirrappreżenta b'mod ħażin reċensjonijiet tal-konsumaturi jew approvazzjonijiet fuq il-midja soċjali, sabiex jippromwovi/tippromwovi prodotti.".

## 5. Prezzijiet personalizzati

*Il-kummerċjanti jistgħu jippersonalizzaw il-prezz tal-offerti tagħhom għal konsumaturi speċifiċi jew gruppi ta' konsumaturi abbażi ta' teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati u tfassil ta' profili tal-imġiba tal-konsumatur.*

*Grazzi għad-Direttiva,* kif trasposta permezz tal-Abbozz, *il-konsumaturi ser jiġu infurmati kull darba li l-prezz ippreżentat lilhom onlajn ikun ibbażat fuq algoritmu li jqis l-imġiba personali tagħhom tal-konsumatur, sabiex ikunu konxji mir-riskju li l-prezz mitlub ikun żdied.*

[3] Jew reċensjonijiet

Permezz tal-artikolu 19(b), l-Abbozz qed jinkludi emendi fir-rigward tar-regolament 5 tal-L.S. 378.17 (rigward rekwiżiti ta' informazzjoni għal kuntratti mill-bogħod u lil hinn mill-post tan-negozju), fis-sub-artikolu (1) tiegħu, il-punt (ea) ġdid, li jinkludi bħala rekwiżit ta' informazzjoni " fejn applikabbli, li l-prezz kien personalizzat abbażi ta' proċess deċiżjonali awtomatizzat".

6. ***Projbizzjoni ta' bejgħ mill-ġdid ta' biljetti ta' avvenimenti mixtrija permezz ta' bots (mezzi awtomatizzati)***

*Software li jawtomatizza l-proċess tax-xiri onlajn (imsejħa 'bots') jagħmilha possibbli li jsiru numru kbir ta' tranżazzjonijiet fl-istess ħin. Kummerċjanti jistgħu jużaw dawn il-'bots' biex jixtru biljetti l-aktar imfittxija mill-konsumatur u jerġgħu jbigħuhom fi swieq sekondarji bi prezzijiet ferm għoljin mill-valur nominali tagħhom.*

*Biex jiġi żgurat li l-konsumaturi jkunu jistgħu jixtru biljetti ta' avvenimenti bi prezzijiet ġusti, id-Direttiva tipprojbixxi lill-kummerċjanti milli jerġgħu jbigħu biljetti ta' avvenimenti mixtrija permezz tal-'bots' u li jiksru l-limiti jew regoli oħra stabbiliti mill-bejjiegħ primarju tal-biljetti.*

Permezz tal-artikolu 10, l-Abbozz qed iżid il-punt 23a ġdid fl-Ewwel Skeda tal-AAK, li telenka dawk il-prattiċi kummerċjali li huma f'kull ċirkostanza meqjusa bħala mhux ġusti, u huma klassifikati taħt prattiċi kummerċjali qarrieqa, għalhekk jipprojbixxi li kummerċjant: "ibigħ mill-ġdid biljetti ta' avvenimenti lill-konsumaturi jekk il-kummerċjant ikun akkwistahom permezz ta' mezzi awtomatizzati biex jevita kwalunkwe limitu impost fuq l-għadd ta' biljetti li persuna tista' tixtri jew kwalunkwe regola oħra applikabbli għax-xiri ta' biljetti.".

7. ***Sabiex ikun assigurat li t-tnaqqis fil-prezz ikun tassew ġenwin***

*F'xi każijiet, tnaqqis fil-prezz preżentati bħala "best deal" mhux dejjem ikunu ġenwini. Grazzi għar-regoli l-ġodda, il-bejjiegħa mhux se jkunu jistgħu jirreklamaw tnaqqis fil-prezzijiet foloz.*

*Għal kull fejn ikun hemm tnaqqis fil-prezz, il-kummerċjanti jridu jindikaw bħala prezz ta' referenza l-inqas prezz applikat f'perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel minn meta jħabbru t-tnaqqis fil-prezz.*

L-artikolu 13 tal-Abbozz speċifikament jipprovdi għall-introduzzjoni tar-regolament 5A ġdid fil-L.S. 378.09 rigward tnaqqis fil-prezzijiet, li jistabbilixxi li:

- kwalunkwe tħabbir ta' tnaqqis fil-prezz għandu jindika l-prezz preċedenti applikat mill-kummerċjant għal perjodu ta' żmien determinat qabel l-applikazzjoni tat-tnaqqis fil-prezz.;

- il-prezz preċedenti jfisser l-aktar prezz baxx applikat mill-kummerċjant matul perjodu ta' żmien li mhuwiex iqsar minn tletin (30) jum qabel l-applikazzjoni tat-tnaqqis fil-prezz, iżda:

- għal oġġetti li jistgħu jiddeterjoraw jew jiskadu malajr, il-prezz preċedenti jfisser il-prezz applikat immedjatament qabel it-tnaqqis fil-prezz;

- fejn il-prodotti jkunu ilhom fis-suq għal inqas minn tletin (30) jum, il-prezz preċedenti jfisser l-irħas prezz applikat mill-kummerċjant f'dan il-perjodu

- meta t-tnaqqis fil-prezz jiżdied progressivament, il-prezz preċedenti jkun il-prezz mingħajr it-tnaqqis fil-prezz qabel l-ewwel applikazzjoni tat-tnaqqis fil-prezz.

**8. *Kumpens għall-vittmi ta' prattiċi kummerċjali mhux ġusti***

*Il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE dwar il-konsumatur tippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali li jwaqqfu u jipprevjenu prattiċi kummerċjali mhux ġusti iżda ma tagħtix lill-konsumaturi dritt dirett għal kumpens meta ssirilhom ħsara minn dawn il-prattiċi.*

*Id-Direttiva,* u allura anke l-Abbozz*, tiżgura li l-konsumaturi fl-Istati Membri kollha jkollhom id-dritt għal rimedji individwali (bħal terminazzjoni tal-kuntratt, li jiksbu tnaqqis fil-prezz jew kumpens finanzjarju) meta jkunu affettwati minn prattiċi kummerċjali mhux ġusti, bħal kummerċjalizzazzjoni qarrieqa.*

L-Abbozz, fl-artikolu 4 tiegħu, jipprovdi għall-introduzzjoni ta' dak li hu msemmi haw fuq fl-artikolu 21 tal-AAK permezz ta' proviso ġdid wara s-sub-artikolu (1) tal-imsemmi artikolu 21, sabiex it-Tribunal għal Talbiet ta' Konsumaturi "meta jiġu determinati kwistjonijiet f'tilwim li jikkonċernaw il-ħsara mġarrba mill-konsumaturi li jirriżultaw minn prattiċi kummerċjali inġusti, it-tribunal għandu jordna rimedji proporzjonati u effettivi, inkluż kumpens għall-ħsara mġarrba mill-konsumatur u, fejn rilevanti, tnaqqis fil-prezz jew it-terminazzjoni tal-kuntratt; b'kont meħud ukoll, fejn xieraq, tal-gravità u n-natura tal-prattika kummerċjali inġusta, il-ħsara mġarrba mill-konsumatur u ċirkostanzi rilevanti oħra.".

**9. *Pieni aktar effettivi għal ksur transkonfinali***

*Illum, l-awtoritajiet tal-konsumatur tal-UE mhumiex mgħammra biżżejjed biex jindirizzaw 'sitwazzjonijiet ta' ħsara tal-massa' li jaffettwaw għadd kbir ta' konsumaturi madwar l-UE. Meta kumpanija tikser ir-regoli tal-konsumatur, il-penali jvarjaw ħafna madwar l-UE u ħafna drabi jkunu pjuttost żgħar, anke għal ksur serju ħafna. Bħala riżultat, ma tantx huma effettivi biex jipprevjenu kummerċjanti diżonesti milli jqarrqu mill-konsumaturi.*

*Id-Direttiva,* kif trasposta permezz tal-Abbozz*, tipprovdi lill-awtoritajiet nazzjonali bis-setgħa li jimponu pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi b'mod koordinat meta jaħdmu flimkien fuq ksur kbir transkonfinali li jaffettwa lill-konsumaturi f'diversi Stati Membri tal-UE. F'dawn il-każijiet, l-awtoritajiet nazzjonali se jkollhom is-setgħa li jimponu multa sa 4% tal-fatturat tal-kummerċjant, jew sa 2 miljuni Euro meta l-informazzjoni dwar il-fatturat ma tkunx disponibbli. L-Istati Membri huma liberi li jżommu jew jintroduċu multi massimi ogħla.*

L-Abbozz, permezz tal-artikolu 8 tiegħu, jassigura l-introduzzjoni ta' dawn il-pieni permezz ta' tlett provisos ġodda taħt l-artikolu 106A(3) tal-AAK.

**10. *Sabiex tiġi ndirizzata l-kwalità doppja ta' oġġetti tal-konsumatur***

*Oġġetti mibjugħa f'pakketti identiċi jew simili kultant ikollhom kompożizzjoni jew karatteristiċi differenti meta mqabbla mal-istess oġġetti f'pajjiżi oħra tal-UE ('kwalità doppja'). Dan ġie kkonfermat minn studju li sar miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni f'19-il Stat Membru, li kien ibbażat fuq metodoloġija ta' ttestjar komuni tal-UE.*

*Il-konsumaturi m'għandhomx jiġu mqarrqa billi jġagħluhom jemmnu li qed jixtru l-istess prodott meta ma jkunux.*

Bit-trasposizzjoni tad-Direttiva permezz tal-Abbozz, *l-awtorità nazzjonali tal-infurzar għandha setgħa aktar b'saħħitha biex twaqqaf il-kummerċjalizzazzjoni qarrieqa ta' oġġetti li għandhom kompożizzjoni jew karatteristiċi differenti b'mod sinifikanti iżda li huma ppreżentati bħala identiċi. Id-Direttiva tirrikonoxxi li d-differenzi jistgħu jiġu ġġustifikati minn fatturi oġġettivi, bħal regoli nazzjonali dwar il-kompożizzjoni tal-prodott, l-użu ta' ingredjenti lokali jew staġjonali jew l-impenn volontarju tal-kummerċjant biex jippromwovi ikel aktar b'saħħtu.*

L-Abbozz, permezz tal-artikolu 6 tiegħu, jintroduċi sub-paragrafu (iii) ġdid fil-paragrafu (ċ) tal-artikolu 51Ċ tal-AAK, biex jassigura li kwalunkwe kummerċjalizzazzjoni ta' oġġett, fi Stat Membru wieħed, bħala identiku għal oġġett kummerċjalizzat fi Stati Membri oħra, meta dak l-oġġett ikun differenti b'mod sinifikanti fil-kompożizzjoni jew filkaratteristiċi, sakemm dan ma jkunx ġustifikat minn fatturi leġittimi u oġġettivi.

**11. *Protezzjoni aħjar kontra prattiċi mhux ġusti fir-rigward ta' bejgħ fuq l-għatba tal-bieb u vjaġġi promozzjonali organizzati minn kummerċjant***

*Il-liġi tal-UE diġà tipprojbixxi prattiċi ta' kummerċjalizzazzjoni qarrieqa jew aggressivi, inkluż meta l-kummerċjanti jagħmlu żjarat kummerċjali mhux mitluba fid-dar tal-konsumatur (bejgħ fuq l-għatba tal-bieb) jew jorganizzaw vjaġġi għall-promozzjoni u l-bejgħ ta' oġġetti.*

Bit-trasposizzjoni ta' din id-Direttiva, l-Abbozz qed jinkludi miżuri nazzjonali addizzjonali fejn għal kuntratti konklużi fil-kuntest ta' żjarat mhux mitluba minn kummerċjant fid-dar ta' konsumatur jew vjaġġi promozzjonali organizzati minn kummerċjant bil-għan jew bl-effett li jiġu promossi jew jinbiegħu prodotti lil konsumaturi, il-perjodu ta' rtirar ta' erbatax (14)-il jum huwa estiż għal tletin (30) jum.

Referenza qed issir għall-artikolu 23(a) u (b) tal-Abbozz li jistabbilixxi fir-regolament 10 tal-L.S. 378.17:

- iz-zieda ta' proviso mas- sub-regolament (1):

> "Iżda għal kuntratti konklużi fil-kuntest ta' żjarat mhux mitluba minn kummerċjant fid-dar ta' konsumatur jew vjaġġi promozzjonali organizzati minn kummerċjant bil-għan jew bl-effett li jiġu promossi jew jinbiegħu prodotti lil konsumaturi, il-perjodu ta' rtirar ta' erbatax (14)-il jum huwa estiż għal tletin (30) jum.";

- is-sostituzzjoni tas-subregolament (2) b'dan li ġej:

  "(2) Mingħajr preġudizzju għar-regolament 12, il-perjodu ta' rtirar imsemmi fis-subregolament (1) għandu jiskadi wara erbatax (14)-il jum, jew, f'każijiet li jaqgħu taħt il-proviso tas-subregolament (1) wara tletin (30) jum li jiddekorru:".

Barra minn hekk, permezz tal-artikolu 27(b) tal-Abbozz, ir-regolament 18 tal-L.S. 378.17 (rigward eċċezzjonijiet mid-dritt ta' rtirar) ġie emendat biex jiżgura l-allinjament mal-bidliet imsemmija hawn fuq permezz tal-proviso li ġej:

> "Iżda għal kuntratti konklużi fil-kuntest ta' żjarat mhux mitluba minn kummerċjant fid-dar ta' konsumatur jew vjaġġi promozzjonali organizzati minn kummerċjant bil-għan jew bl-effett li jiġu promossi jew jinbiegħu prodotti lil konsumaturi, l-eċċezzjonijiet għad-dritt ta' rtirar stabbilit fil-punti (a), (b), (ċ) u (e) ma japplikawx.".

***Disclaimer***

**Billi dawn huma linji gwida għall-utent, huma jipprovdu biss sommarju tal-istrument legali (l-Abbozz ta' Liġi) u tal-obbligi li jinsabu fih. Għalhekk dawn il-linji gwida għall-utenti bl-ebda mod ma jipprovdu sostituzzjoni tal-istrument legali nnifsu. Barra minn hekk, kwalunkwe sorveljanza, żball jew ommissjoni f'dawn il-linji gwida għall-utenti ma jeżentawx lill-utenti mill-obbligi legali tagħhom, inklużi obbligi ta' konformità, kif meħtieġ u stabbilit fl-istrument legali ppubblikat (l-Abbozz ta' Liġi).**

**<u>Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur:</u>**

F'każ ta' mistoqsijiet jew aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja l-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur fuq:

email: info.mccaa@mccaa.org.mt and telephone no.: 2395 2000.